**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Sami Shebni Ashor**

**Illum 21 ta' Dicembru 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Sami Shebni Ashor ta' disgha u tletin (39) sena, bin il-mejjet Shebni u Mariam neè Ashor, imwieled Wazen il-Libja fil-5 ta' Jannar 1976 u residenti Nru.133, Flt. 3, Triq il-Htajriet, Mosta, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 107934(A) u Passaport Libjan bin-Numru 396317, talli f'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xhur ta' Jannar 2015 u Awwissu 2015, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Irrenda ruhu komplici ta' falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif falz lil Awtorità Pubblika;

3. Ircieva passaporti li nhargu fuq terzi persuni u li gew trasferit lilu minn persuni ohra.

Il-Qorti rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat illi l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u rat li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xhur ta' Jannar 2015 u Awwissu 2015, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda: (1) Irrenda ruhu komplici ta' falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; (2) Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif falz lil Awtorità Pubblika; (3) Ircieva passaporti li nhargu fuq terzi persuni u li gew trasferit lilu minn persuni ohra.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuzi hekk dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, li ghandu fedina penali netta u li ikkoopera u bi hsiebu jkompli jikkoopera mal-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 18, 42, 43, 183 u 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(b) tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tikkundannah ghall-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija izda, peress illi fil-fehma Taghha fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, fosthom il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, li ghandu fedina penali netta u li ikkoopera u bi hsiebu jkompli jikkoopera mal-Pulizija, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta'

Malta tissosspendi dan it-terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghal perijodu ta' erba' (4) snin b'effett millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ma nhatar l-ebda espert fil-kuntest ta' dawn il-proceduri u l-Prosekuzzjoni ddikjarat li in konnessjoni ma' dan il-kaz ma nfethet ebda Inkjesta. Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**